MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 961/2006/2

**Mare Blu Tuna Farm Limited**

**v.**

**Dr. Louis Cassar Pullicino li b'digriet tal-Qorti tal-1 ta' Dicembru 2006 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta bastiment assenti MV Ray G.**

**Il-Qorti:**

## I. Preliminari

Din hija talba ghal ritrattazzjoni mill-Avukat Louis Cassar Pullicino fil-kwalita` tieghu premessa tas-sentenza tal-

Qorti tal-Appell tat-8 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha dik il-Qorti kienet iddisponiet minn appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' Ottubru 2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Appell**

Ghal intendiment ahjar ta' din i-ritrattazzjoni, il-Qorti qeghdh tirriproduci *in toto* s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kif jidher hawn taht:

"**Il-Qorti:**

"**Preliminari:**

"B'rikors guramentat ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2006 is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

"1. Fil-lejl bejn id-disgha u ghoxrin (29) u t-tlettin (30) ta' Settembru, tas-sena elfejn u sitta (2006), bastiment, bl-isem ta' MV Ray G bin-numru ta' registrazzjoni tal-IMO 9293997 irregistrat fl-Italja, b'tul ta' mija u erbgha u hamsin metru (145m) dahal fuq qasam tal-hut (fish farm) proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti, Mare Blu Tuna Farm Limited, li tinsab madwar erbgha mili nawtici 'l boghod mill-kosta Maltija ta' Marsascala, u kkaguna diversi hsarat;

"2. Is-socjeta` attrici zzomm, trabbi u thaxxen ghal qatla tonn tat-tip 'blue fin' f'dan il-qasam tal-hut sabiex ikun mibjugh u esportat barra minn Malta;

"3. Ghal diversi minuti qabel sehh l-incident bastimenti madwar il-qasam tal-hut u li huma stazzjonati f'dawk l-ibhra biex jiffornixxu xoghol ghas-socjeta` attrici, wissew il-kaptan tal-bastiment MV Ray G, permezz tar-radju, li fir-rotta tieghu ser jolqot il-qasam tal-hut u huwa ta' periklu ghal bastimenti ohra fl-inhawi. Minkejja dawn it-tentattivi ta' twissija l-bastiment xorta wahda dahal fil-qasam tal-hut hawn fuq imsemmi.

“4. Meta sehh l-impatt mal-qasam tal-hut l-bastiment konvenuta ma waqfitx u baqghet sejra fuq ir-rotta taghha;

“5. Il-bastiment laqat zewg gaggeg minn sett ta’ sitta li jifformaw parti mill-qasam tal-hut. Illi gaga wahda kienet vojta pero` l-gagga l-ohra kellha madwar mitt tunellata metrika ta’ tonn u li bl-impatt harab u ma setghax jinqabad, bil-konsegwenza li l-bejgh tieghu ntilef.

“6. Dawn il-gaggeg ma setghax jinstabu wara li sehh l-impatt u probabilment tkaxkru mal-vapur u gherqu fl-ibhra tal-madwar.

“7. Ghalhekk il-hsarat u d-danni fil-qasam tal-hut jikkonsistu fost ohrajn fis-segwenti:

“(a) Telf ta’ bejgh ta’ madwar mitt tunellata metrika ta’ tonn li harab minn wahda mill-gaggeg tal-qasam li kien involut fl-incident mertu tal-kawza;
“(b) Dghajsa jisimha Sakata li kien irmunkata ma` wahda mill-gaggeg involuti fl-incident mertu tal-kawza;
“(c) Zewg gaggeg li ma nstabux wara l-impatt mal-bastiment MV Ray G;
“(d) Xibka zghira maghrufa ahjar bhala ‘Japanese Small Net’;
“(e) Pizzijiet biex jzommu l-gaggeg f’posthom fil-qasam tal-hut;
“(f) ‘Wire Rope’;
“(g) Eluf ta’ metri ta’ hbula;
“(h) Baga;
“(i) Disa’ settijiet ta’ ankri u katini.

“8. Is-socjeta` rikorrenti kontinwament tassigura sabiex il-qasam tal-hut, proprjeta` taghha, hija ben visibli ghal bastimenti ghaddejjin f’dawk l-ibhra, kemm b’inhar kif ukoll bil-lejl permezz ta’ bagi, dawl u bastimenti, proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti;

“9. Apart l-prekawzjonijiet mehuda mis-socjeta` rikorrenti sabiex jigu evitati incidenti bhal dak mertu tal-

kawza, il-Gvern Malti pogga wkoll diversi bagi li juru l-parametri tal-qasam tal-hut f'dawk l-akkwati fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza;

"10. Apparti dawn il-prekawzjonijiet il-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti tkun immarkata fuq ir-radar ta' kull bastiment li huwa ghaddej f'dawk l-ibhra;

"11. Il-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti ghandha tkun immarkata fuq il-karti ta' navigazzjoni ta' kull bastiment lit kun ghaddejja minn dawk l-ibhra u li ghandhom ikunu aggornati minn zmien ghal zmien;

"12. L-unika mod kif il-bastiment MV Ray G setgha dahal fuq il-proprjeta` tas-socjeta` attrici huwa permezz ta' traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabli;

"13. Is-socjeta` proprjetarja tal-bastimenti konvenuta, permezz tal-assikuraturi taghha 'The Standard', ghamlet u prezentat, bla pregudizzju, favur is-socjeta` attrici 'Letter of Undertaking' li fiha qed tiddikjara li fl-eventwalita` proceduri gudizzjarji jew permezz ta' arbitragg il-vapur jinsab responsabbli ghad-danni hawn fuq deskritti, huma lesti jhallsu dawn l-istess danni;

"14. Permezz ta' 'Letter of Undertaking' is-socjeta` proprjetarja tal-bastiment MV Ray G, accettat il-gurisdizzjoni *in rem* tkun il-gurisdizzjoni ta' Malta.

"Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara li l-incident mertu ta' din il-kawza tkun unikament tort tal-bastiment MV Ray G u sehh minhabba traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli;

"2. Tillikwida d-danni subiti mis-socjeta` attrici;

"3. Tordna lil bastiment MV Ray G thallas id-danni hekk likwidati lis-socjeta` attrici.

"Il-konvenut nomine pprezenta risposta datata 25 ta' Jannar, 2007 fejn fiha qal hekk:

"**Fatti**

"1. Fid-29 ta' Settembru, 2006, l-bastiment MV Ray G kien qed jaghmel vjagg lejn Santa Panagia biex jghabbi merkanzija minn hemm u gie dirett lejn Malta biex jigi supplit b'bunkers. Il-bastiment inghata struzzjonijiet mill-ufficcju tal-Harbour Master hawn Malta biex jipprocedi fiz-zona maghrufa bhala "Bunkering Area number 4".

"2. Il-bastiment wasal f'din iz-zona ghall-habta tal-5.30 ta' wara nofs in-nhar u ankra fil-pozizzjoni Lat. 35/48 8N Long. 014/35. Ghall-habta tal-5.45pm wasal il-bastiment M.T. Santa Elena vicin il-bastiment Ray G biex jigu suppliti l-bunkers necessarji. Kien hemm bastiment ohrajn f'din l-istess zona. L-operat tal-bunkering beda fis-6.54pm u dam sat-8.54pm.

"3. Wara li telaq il-bastiment M.T. Santa Elena minn vicin il-bastiment Ray G issokta il-vjagg tal-bastiment Ray G ghall-habta tal-11.45pm lejn Santa Panagia.

"4. Il-vjagg ipproceda u ntemm fid-destinazzjoni tieghu minghajr ebda xkiel jew problemi. Pero` wara li wasal il-bastiment f'Santa Panagia l-ghada 30 ta' Settembru, 2006, ghall-habta tas-7.00pm is-sidien tal-imsemmi bastiment gew mgharrfa mill-agenti taghhom Malta li kien sar kuntatt mis-socjeta` rikorrenti tramite l-avukati taghhom biex tigi avvanzata l-pretensjoni mertu ta' dawn il-proceduri. F'dan l-istadju s-sidien saru jafu ghall-ewwel darba li s-socjeta` rikorrenti kienet qed tallega li kienet sehhet kollizzjoni bejn il-bastiment Ray G u zewg gaggeg li fihom jitrabba t-tonn mis-socjeta` rikorrenti. Gie allegat ukoll illi kien sar kuntratt jew komunikazzjoni minn terzi li kienu vicin dawn il-gaggeg mal-Kaptan jew l-ekwipagg tal-bastiment sabiex iwissu illi kienet ser issir hsara bil-movimenti tal-bastiment izda wara li saret indagni mal-istess ekwipagg irrizulta li dan ma kienx minnu u li ma kienu saru l-ebda kuntatti telefonici jew

komunikazzjonijiet b'mezzi ohra u li fuq kollox ma kien hemm xejn x'jindika li kien hemm kollizzjoni jew li kien sar kuntatt bejn il-bastiment Ray G u l-gaggeg tal-hut.

"5. Minkejja dan u minghajr ebda pregudizzju, is-sidien tal-bastiment tramite l-assikuraturi taghhom urew ruhhom disponibbli li tinghata garanzija biex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet avvanzati mis-socjeta` rikorrenti. Effettivament kien hemm negozjati diretti bejn l-avukati tas-socjeta` rikorrenti u l-P&I Club li jassikura l-bastiment Ray G, (The Standard Steamship Owners' Protection and Indemnity Association [Bermuda] Limited) li finalment wasslu biex tinhareg favur l-istess socjeta` rikorrenti 'Letter of Undertaking' datata 6 ta' Ottubru, 2006 (Dok. LCP 1) li biha essenzjalment is-socjeta` rikorrenti nghatat garanzija mill-P&I Club ghall-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti. Din il-garanzija nghatat direttament lis-socjeta` rikorrenti u ma gietx depozitata fir-registru tal-Qorti. Il-bastiment Ray G ma kienx Malta la meta giet avvanzata l-pretenzjoni tas-socjeta` rikorrenti fit-30 ta' Settembru, 2006 u lanqas meta gew intavolati dawn il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2006. F'ebda stadju ma gie mizmum jew arrestat l-istess bastiment f'xi gurisdizzjoni in kawtela tal-pretensjonijiet avvanzati mis-socjeta` rikorrenti.

"6. Kif jirrizulta mill-istess garanzija u kuntrarjament ghal dak premess mir-rikorrenti fir-rikors promotur, m'huwiex minnu li s-socjeta` proprjetarja tal-bastiment Ray G accettat il-gurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati ta' Malta.

"7. Wara li kienet inghatat il-garanzija in kwistjoni, kemm l-esponenti nomine kif ukoll l-assikuraturi kienu talbu lir-rikorrenti u l-avukati taghhom sabiex minghajr pregudizzju jaghtuhom l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni li kellhom in sostenn tat-talbiet avvanzati u dan bl-iskop li jissoktaw id-diskussjonijiet bejn il-partijiet minghajr il-htiega li jsiru proceduri mghaggla izda l-esponenti baqghu qatt ma rcevew ebda risposta jew ebda taghrif kif mitlub u kuntrarjament irrizulta li s-socjeta`

rikorrenti ppreferiet li tibda dawn il-proceduri minghajr ma tiddiskuti l-kaz.

“**Eccezzjonijiet**

“Abbazi tal-fatti hawn fuq esposti u b’riserva li l-intimat iressaq il-provi kollha li jirrizultaw opportuni fil-kaz, l-esponenti nomine qed javvanza s-segwenti eccezzjonijiet:-

“1. In linea preliminari, din il-Qorti bhala Qorti tal-Vici Ammiraljat, ma ghandhiex il-gurisdizzjoni mehtiega biex tiehu konjizzjoni tal-azzjoni proposta mis-socjeta` rikorrenti, billi *essendo* azzjoni *in rem*, huwa rekwizit fundamentali illi l-bastiment ikun prezenti fl-ibhra territorjali Maltin u mizmum jew maqbud b’ordni tal-Qorti fil-mument li tigi avvanzata l-azzjoni in kwistjoni sabiex il-Qorti jkollha l-gurisdizzjoni mehtiega. Kif gia` premess, il-bastiment intimat ma kienx Malta f’ebda stadju rilevanti u wisq anqas kien soggett ghal xi mandat ta’ qbid u/jew mandat ta’ impediment tal-partenza, bil-konsegwenza illi l-bastiment intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. Minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea preliminari ukoll, l-azzjoni hija rritwali u insostenibbli billi azzjoni *in rem* kontra bastiment assenti hija legalment inkoncepibbli sakemm il-bastiment konvenut ma jkunx gie mizmum b’ordni tal-Qorti b’mandat kawtelatorju, liema mandat imbaghad jigi revokat bl-opportun kontro mandat u b’depozitu kontestwali ta’ garanzija jew depozitu. F’kull kaz u indipendentement mill-premess il-hatra ta’ kuratur deputat hija wkoll irritwali stante li l-ligi ma tikkontemplax hatra ta’ kuratur in rapprezentanza ta’ bastiment assenti.

“3. Kwantu ghall-mertu tal-kaz, jigi eccepit illi l-ebda tort jew responsabbilita` ma hija imputabbli lill-bastiment intimat billi ma sar ebda kuntatt jew kollizzjoni bejn il-bastiment M.V. Ray G u l-gaggeg proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk il-kagun tal-incident in kwistjoni kif ukoll danni konsegwenzjali sofferti ma kienx il-bastiment intimat.

"4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, u f'kaz biss illi b'xi mod il-bastiment intimat jigi misjub responsabbli ghall-akkadut, dan l-incident ma sehhx minhabba negligenza grossolana kif allegat u ghalhekk kwalunkwe responsabbilita` tal-bastiment intimat hija limitata skont il-ligi.

"**Is-sentenza appellata**

"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru, 2007 li permezz taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

"Ikkunsidrat illi f'din il-kawza, is-socjeta` attrici qed tallega illi l-bastiment MV Ray G bin-numru ta' registrazzjoni IMO 9293997 registrat fl-Italja dahal fuq *fish farm* proprjeta` tar-rikorrenti li jinsab madwar erba` mili nawtici 'l boghod mill-kosta Maltija ta' Marsascala u kkaguna diversi hsarat. Il-bastiment ma waqafx u baqa` sejjer fuq ir-rotta tieghu. Is-socjeta` attrici qed titlob likwidazzjoni ta' dawn id-danni u qed titlob lill-Qorti tordna lill-bastiment MV Ray G biex ihallas dawk id-danni.

"Huwa ben saput li l-ligi kodifikata ta' Malta ma tipprovdix per se ghall-ezercizzju ta' azzjoni *in rem*. Il-kompetenza tal-Qrati Maltin f'din il-materja intirtet mill-istatuti tal-parlament Ingliz li l-Gvern kolonjali Brittaniku estenda fl-applikazzjoni taghhom ghal Malta bhala kolonja permezz tal-"*Colonial Courts of Admiralty Acts*" partikolarment l-"*Admiralty Court Acts*" tal-1840 U 1861.

"Dawn il-ligijiet jaghtu dritt lill-kreditur li jipprocedi kontra bastiment f'kaz li l-pretenzjoni tieghu taqa' taht wahda mill-"heads of jurisdiction" elenkati f'dawn l-istatuti u cioe`:

"*1. Claims relating to mortgages.*
"*2. Claims relating to title to or to ownership and possession of a ship or proceeds arising in actions*

*regarding possession, salvage, damage, wages or bottomry.*
"*3. Claims for salvage.*
"*4. Claims for damage done by ship.*
"*5. Claims for damage suffered by ship.*
"*6. Claims for towage.*
"*7. Claims for necessaries supplied.*
"*8. Claims by the holder of a bill of lading of any goods imported into Malta for any damage done to the goods through negligence or breach of contract on the part of the owner or crew of the ship.*
"*9. Claims for building, equipping or repairing the ship.*
"*10. Claims regarding possession, ownership, employment and earnings of a ship registered in Malta as between co-owners.*
"*11. Claims by seamen for wages.*
"*12. Claims by a master for disbursements made by him for use by the vessel."*

"Sabiex tirnexxi azzjoni *in rem*, pero`, huwa ben stabbilit li jridu jkunu sodisfatti kundizzjonijiet ohra li huma s-segwenti:

"(1) li l-azzjoni tingieb specifikatament kontra l-bastiment – ghalhekk hija azzjoni *in rem*.

"(2) il-bastiment irid ikun fl-ibhra territorjali u

"(3) il-bastiment irid ikun maqbud jew tinghata garanzija floku, sabiex tkun tista' ssir esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ikun il-kaz, fuq ir-res.

"Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum jidher li wahda minn dawn l-elementi essenzjali ghall-ezercizzju ta' azzjoni *in rem* hija mankanti. Huwa fatt inkontestat illi l-vapur ma kienx fl-ibhra Maltin meta giet intavolata l-azzjoni. Is-socjeta` attrici tallega li dan kien kaz ta' *hit and run* u l-arrest ma kienx possibbli.

"Il-Qorti tirritjeni li, kienu x'kienu c-cirkostanzi tal-kaz, jibqa' l-fatt li l-element essenzjali ghall-azzjoni huwa nieqes.
"Is-socjeta` attrici tikkontendi li l-garanzija li nghatat minn *The Standard Steamship Owners' Protection and Indemnity Association (Bermuda) Limited* permezz tal-ittra taghha tas-6 ta' Ottubru, 2006 (a fol. 20) tirradika minnha nnifisha l-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Is-socjeta` attrici tikkontendi li permezz ta' din il-garanzija maghrufa bhala "*letter of undertaking*" is-socjeta` proprjetarja tal-bastiment accettat il-gurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati Maltin.

"Il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi. Il-garanzija tkopri sommom dovuti in segwitu ta' "*final and unappealable judgement of the Maltese Courts or any other competent court or arbitration Tribunal*". Dawn il-kliem infushom huma wiesgha u ma jistghux jigu interpretati bhala xi forma ta' sottomissjoni ghall-gurisdizzjoni esklussiva ta' dawn il-Qrati! Hija ghal din ir-raguni li c-cirkostanzi ma jaqblux ma dawk tal-kaz citat mis-socjeta` rikorrenti "*The Deichlard*" [recte: Deichland] fejn anki fil-bran citat mill-istess socjeta` rikorrenti odjerna, ir-riferenza hi ghal "*express agreement*". Il-garanzija permezz tal-ittra tas-6 ta' Ottubru, 2006 ma tistax tigi bl-ebda mod interpretata bhal *express agreement* ta' sottomissjoni ghall-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati."

"**L-appell tas-socjeta` attrici.**

"Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-13 ta' Novembru, 2007, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka s-sentenza imsemmija billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat nomine, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-intimat nomine.

"Il-konvenut nomine pprezenta risposta ghall-appell imsemmi fejn, filwaqt li ddikjara li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, talab li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata

kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

"Is-socjeta` appellanti fir-realta` ressqet aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata u dan, in sostanza, fis-sens li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti sabiex tistabilixxi gurisdizzjoni ghal din l-azzjoni f'Malta.

"**Ikkonsidrat:**

"Il-fatti tal-kaz jinsabu ben esposti sew fir-rikors promotur kif ukoll fir-risposta u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni huwa sufficjenti li jinghad li din il-kawza tikkoncerna talba ghad-danni maghmula mis-socjeta` attrici kontra l-bastiment intimat liema danni gew allegatament ikkagunati f'zewg gaggeg ta' *Fish Farm* proprjeta` tal-istess socjeta` rikorrent fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Settembru, 2006 meta l-bastiment intimat laqghet l-istess bil-konsegwenza li ntilfet kwantita` ta' hut u saret hsara f'effetti ohra.
"L-incident sehh barra mill-port u wara l-istess incident il-bastiment intimat baqa' sejjer fuq ir-rotta tieghu; biss wara korrispondenza s-socjeta` assikuratrici tal-istess bastiment fis-6 ta' Ottubru 2006 irrilaxxjat dikjarazzjoni indirizzata lis-socjeta` rikorrenti u lill-assikuraturi taghha fejn jinghad hekk (ara fol. 20 tal-process):

"***Damage to the fish farm of Mare Blu Farm Limited off the coast of Marsascala (Malta) allegedly caused by M/V "Ray G" on the 30th September 2006 (The Claim)***

"***In consideration*** *of your releasing and/or refraining from arresting, or otherwise detaining the M/V "Ray G" or any other vessel or property in the same or associated ownership, management, possession or control for the purpose of obtaining security in respect of the Claim we, The Standard Steamship Owners' Protection and Indemnity Association (Bermuda) Limited, hereby undertake to pay you on demand such sum or sums as may be due to you in respect of the Claim, either by agreement between the parties or by final and unappealable judgment of the Maltese Courts or any other*

*competent court or arbitration tribunal, provided always that our liability hereunder exclusive of interest and costs shall not exceed the sum of one million, four hundred five thousand and five hundred Euros (E1,405,500). This undertaking is given without prejudice to any rights or defences of the owners of the above ship, including the right to limit liability.*

"*This undertaking shall be governed by and construed in accordance with English Law and any dispute arising hereunder shall be subject to the jurisdiction of the High Court of Justice in London."*

"Is-socjeta` rikorrenti strahet fuq din id-dikjarazzjoni rilaxxjata mis-socjeta` assikuratrici tal-bastiment intimat u konsegwentement istitwit dawn il-proceduri quddiem dawn il-Qrati biex tottjeni sentenza finali dwar ir-responsabbilita` tal-bastiment intimat u l-eventwali likwidazzjoni tad-danni billi sostniet li *"permezz ta' "Letter of Undertaking*" *is-socjeta` proprjetarja tal-bastiment MV Ray G, accettat il-gurisdizzjoni in rem tkun il-gurisdizzjoni ta' Malta*" (ara l-premessa numru 14 fir-rikors guramentat promotorju).

"Il-konvenut nomine laqa' ghall-azzjoni attrici billi b'mod preliminari eccepixxa li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ma kelliex gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni tal-azzjoni billi; essendo azzjoni *in rem* huwa rekwizit fondamentali illi l-bastiment jkun prezenti fl-ibhra territorjali Maltin u mizmum jew maqbud b'ordni tal-Qorti fil-mument li tigi avvanzata l-azzjoni.

"L-ewwel Qorti kkunsidrat din l-eccezzjoni u waslet ghal konkluzjoni li kienet misthoqqa billi rriteniet li l-prezenza tal-bastiment fl-ibhra Maltin kien *sine qua non* ghal din l-azzjoni u li d-dikjarazzjoni tal-assikurazzjoni tas-sidien tal-bastiment ma kinitx twassal biex tirradika l-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Konsegwentement illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. Stranament ma pprovdietx dwar l-ispejjez.

"**Ikkonsidrat:**

"Huwa fatt li meta gew istitwiti dawn il-proceduri, il-bastiment intimat ma kienx prezenti fl-ibhra territorjali ta' Malta u lanqas ma kien maqbud b'ordni tal-Qorti, dan billi l-fatt li kkawza d-dannu sehh barra mill-portijiet ta' Malta u l-bastiment intimat baqa' sejjer fuq ir-rotta tieghu. Konsegwentement ma setghax jigi ezegwit fuq il-bastiment dak il-mandat mehtieg biex dan jinzamm hawn Malta u b'hekk tkun sodisfatta dik il-kundizzjoni biex tigi radikata l-azzjoni *in rem.* Il-prezenza tal-bastiment, izda, hija mehtiega fl-ibhra territorjali tal-pajjiz minhabba l-mobilita` intrinsika ta' bastiment li jsalpa minn port ghal iehor, u b'hekk sentenza mehuda f'pajjiz ma tkunx tista' tigi ezegwita jekk dan ma jkunx fizikament prezenti. Dan kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Naudi noe v. Ganado noe** (14.12.1988), citata mill-konvenut stess fir-risposta tieghu, fejn gie ritenut li "*biex jkun hemm action in rem validament intavolata*" fost affarijiet ohra huwa mehtieg li "*il vapur irid ikun maqbud jew mizmum milli jitlaq minn Malta sabiex l-eventwali sentenza tkun tista' tigi ezegwita fuqu.*" Biss kif gie ritenut fl-istess sentenza "*Fil-kaz li tinghata garanzija in sostituzzjoni tar-"res" allura din tirraprezenta r-"res" li tkun tista' tithalla ssiefer minn Malta.*"

"Infatti hija procedura normali f'azzjonijiet ta' din ix-xorta li l-bastiment jithalla jitlaq minn Malta wara li jigu istitwiti l-proceduri billi tinghata garanzija in sodisfazzjoni tal-kreditu kanonizzat b'sentenza moghtija f'data futura. F'dan il-kaz, ghalkemm il-bastiment ma jkunx fizikament prezenti, l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ma tinghatax, u jekk tinghata ma tigix akkolta billi dik il-garanzija tkun qed tirraprezenta r-"*res*" u cioe` l-bastiment u tkun tali li tissodisfa kull sentenza li tista' tinghata.

"Issa fil-kaz in ezami jidher li s-socjeta` rikorrenti nghatat garanzija "*to pay you on demand such sum or sums as may be due to you in respect of the Claim…….. by final and unappealable judgement of the Maltese Courts …"* liema garanzija nghatat *"In consideration of your releasing and/or refraining from arresting or otherwise detaining the M/V "Ray G" ….. for the purpose of obtaining security in respect of the Claim*". Ma kienx hemm ghalhekk il-htiega

li l-bastiment jinzamm hawn Malta jew f'xi port iehor, billi l-istess bastiment kien qieghed jissottometti ruhu ghall-gurisidizzjoni tal-Qrati Maltin u kienet inghatat garanzija sufficjenti biex kull sentenza moghtija minn dawn il-Qrati tkun effettiva u ezegwibbli. Fi kliem Stuart-Smith LJ fil-kaz **The Diechland**: "*If a plaintiff for some reason is determined to litigate in the English Admiralty Court he can easily secure this: either he arrests the ship or he secures express agreement by the defendant owner or demise charterer to submit to the jurisdiction of the English Court to avoid arrest, no doubt at the same time obtaining security.*"[1] (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Mid-dicitura tal-hekk imsejha "*Letter of Undertaking*" tas-6 ta' Ottubru, 2006, hawn fuq citata, jidher car li l-assikurazzjoni, f'isem il-bastiment M/V "Ray G", kienet mhux biss qeghda tiggarantixxi l-hlas tad-danni, ghalkemm entro certu limitu, izda wkoll qed taqbel li l-kaz jigi deciz finalment minn Qorti Maltija. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-Qrati ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni in materja u li tirritjeni l-kuntrarju, kif qed jigi sottomess mill-konvenut nomine, jista' jammonta ghal qerq billi jfisser li d-dikjarazzjoni maghmula fis-6 ta' Ottubru 2006 ma kienet tfisser xejn u ma taghti ebda garanzija lill-parti favur min kienet rilaxxjata. L-appell tas-socjeta` rikorrenti ghalhekk sejjer jintlaqa'.

"Dan premess din il-Qorti ma tarax il-possibbilita` li tipprocedi ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici fil-mertu, kif jinghad fir-rikors tal-appell, billi dan jehtieg ezami approfondit tal-mertu tal-kaz.

"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` rikorrenti qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata billi qed tigi michuda l-ewwel u okkorrendo t-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine, u tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex jigi ezaminat u deciz il-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenut nomine; dawk tal-

[1] [1990] 1Q.B.361 at 385.

ewwel istanza jibqghu biex jigu decizi mas-sentenza finali fil-meritu."

**Talba ghar-ritrattazzjoni**

Ir-ritrattand Avukat Louis Cassar Pullicino noe qed jitlob li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tithassar billi kienet effett ta' zball fl-applikazzjoni tal-ligi oltre li hija wkoll effett ta' zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza u ghalhekk kif stipulat fl-Artikolu 881 sub-incizi (e) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija soggetta ghar-ritrattazzjoni.

**Risposta**

Ir-ritrattati pprezentaw ir-risposta taghhom fis-6 ta' April 2010 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-ritrattandi.

**II. <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Illi din hija kawza ta' ritrattazzjoni a bazi tal-**Artikolu 811 (e) u (l) tal-Kap. 12** fejn ir-ritrattandi qed jitolbu li tigi revokata s-sentenza fl-ismijiet **"Mare Blu Tuna Farm Limited v. Dr. Louis Cassar Pullicino *nomine*"** moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2010 (Rikors Numru 961/2006/AF) u tordna r-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza.

Illi r-ritrattandi qeghdin isejsu t-talbiet taghhom fl-ewwel lok fuq l-**Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jipprovdi illi:-

"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

[…]

“(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;

“Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni.”

Illi hawn issa qed tintalab li ssir ritrattazzjoni fuq il-binarji indikati fir-rikors odjern u dwar l-istess jinghad qabel xejn li huwa principju sancit fil-gurisprudenza nostrali u affermat fis-sentenza **“A v. B”** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta’ Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *“r-rimedju ta’ ritrattazzjoni jibqa’ wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista’ jinghata kif ikkontemplat specifikatament mil-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament”* (**“Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe v. J. Tanti”** - A.K. 20 ta’ Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **“Joseph Zammit v. Carmelo Dingli et”** (P.A. (RCP) – 24 ta’ Jannar 2001); **“Mildred Frendo v. Loris Bianchi proprio et nomine”** (A.C. – 12 ta’ Mejju 2003).

Illi fil-kawza **“Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aquilina”** (A.C. – 18 ta’ April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **“Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et v. David Vella nomine”** (A.C. – 24 ta’ Settembru 2004) u **“Mario Gauci et v. Joseph Gauci”** (A.C. (RCP) – 30 ta’ Ottubru 2008); **“Josephine Azzopardi v. Rose Cilia”** (A.I.C. – 29 ta’ Jannar 2010) inghad li f’kawza ta’ ritrattazzjoni wiehed ghandu dejjem:-

"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol.

XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".

Illi l-Qrati taghna gew diversi drabi rinfaccjati b'talbiet simili a bazi tal-**Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u l-gurisprudenza f'dan is-sens hija wahda kostanti. Sentenza ricenti u rilevanti f'dan is-sens u li tissintetizza l-hsieb tal-Qrati lokali f'dan l-ambitu hija **"Malta Development Corporation v. Medcast Foundry Limited"** (A.C. – 14 ta' Ottubru 2008) li rriteniet illi:-

"In tema legali jigi osservat illi jinsab stabbilit illi fil-gurisprudenza, li fil-kaz ta' ritrattazzjoni bbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli. Ghalhekk f'dan l-istadju m'ghandux isir ezami mill-gdid tal-fatti tal-kawza u lanqas jigu ivvalutati jew interpretati mod iehor ghajr kif gew diterminati u vvalutati fis-sentenza impunjata. [App. S. Xuereb utrinque 20.1.1992]. *Per vedere se vi sia male applicazione della legge deve predersi per **unica base il fatto come stabbilito** dalla Corte della sentenza impugnata."* [Vol. XXVII.I.43)".

Illi hu stabbilit illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta illi l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina ghall-fatti, u mhux jekk tapplika l-ligi ghal dawk il-fatti hazin. *"L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi, tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni espressa tal-ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti."*

"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u nterpretati fis-sentenza attakkata".

"Ikun hemm lok ta' interpretazzjoni fuq dan il-motiv jekk fuq dawk il-fatti ppruvati, ikun jidher illi l-Qorti applikat

disposizzjoni tal-ligi minflok ohra li kellha proprjament tigi applikata …. [cioe`] applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi tajba b'mod hazin." (sottolinear tal-Qorti).

Illi f'dan is-sens hemm serje ta' sentenzi ohra fuq dan il-punt fosthom **"Joseph Difesa v. L-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar"** (A.C. - 6 ta' April 2005); **"Alfred Grech et v. Joseph Muscat et"** (A.C. - 28 ta' Jannar 2005); **"Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. David Vella noe"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004); **"Guido Vella J A & CE v. Dr. Emmanuel Cefai"** (A.C. 27 ta' Marzu 2003); **"Emmanuel Demanuele et v. Fast Food Services Ltd"** (A.C. - 2 ta' Gunju 2003); **"Michael Charles Gauci v. Alfred Vella pro et noe"** (A.C. - 10 ta' Ottubru 2003); u **"Philip Amato Gauci et v. Angelo Agius"** (A.C. - 24 ta' Novembru 2003).

**Applikazzjoni hazina tal-Ligi – 811(e)**

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li l-lamentela tar-rikorrenti fil-kwalita` tieghu premessa fuq dan il-punt hija li meta l-Qorti tal-Appell iddecidiet li l-Letter of Undertaking tas-6 ta' Ottubru 2006 kienet tammonta ghall-garanzija li minhabba d-dicitura taghha kif moghtija tammonta ghal sottomissjoni ta' gurisdizzjoni *in rem* u b'hekk qed jigi allegat li ma gewx applikati r-rekwiziti necessarji ta' tali azzjoni bbazati fuq l-**Artikolu 3 tal-Admiralty Court Act 1840,** li hija l-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, b'dan allura li rittrattand qed isostni li giet applikata l-ligi zbaljata, u dan peress li skont l-istess disposizzjoni sabiex ikun tali gurisdizzjoni l-vapur irid ikun Malta, mizmum taht l-Awtorita` tal-Qorti u din tista' tigi sostwita biss b'garanzija u depozitu fir-registru tal-Qorti. F'dan il-kaz ma kien hemm xejn minn dan izda garanzija moghtija li bl-ebda mod ma tista' tissostitwixxi n-nuqqas ta' bastiment, ghaliex ma kienx hemm qatt gurisdizzjoni f'dan il-kaz tal-Qrati Maltin, proprju minhabba n-nuqqas f'Malta tal-istess bastiment.

Illi min-naha l-ohra s-socjeta` rittrattata sostniet li kull ma kien hemm f'dan il-kaz kien interpretazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-**Artikolu 3 tal-Admiralty Court Act**

**1840,** u mhux il-kaz li l-Qorti applikat ligi flok ohra (**“Gauci v. Vella pro et noe”** – 2003).

Illi minn ezami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 8 ta’ Gunju 2010 jirrizulta b’mod car li kull ma kien qed isir mill-istess Qorti kien interpretazzjoni tal-imsemmi **Artikolu 3 tal-Admiralty Court Act 1840,** li huwa l-artikolu li dak iz-zmien kien applikabbli ghall-kaz in ezami u dan jidher kemm mir-risposta tal-appell tar-rittrattand, u wkoll mis-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad moghtija fit-30 ta’ Ottubru 2007 (961/06/AF), u ma hemm l-ebda dubju li l-istess Qorti fis-sentenza taghha tat l-interpretazzjoni taghha ta’ dik li hija l-azzjoni *in rem* skont l-istess disposizjonijiet tal-ligi hemm citati.

Illi dan ifisser li l-bazi ta’ ritrattazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 811 (e)** peress li ma huwiex il-kaz li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Fil-fatt jidher li l-istess sentenza applikat id-disposizzjonijiet korretti tal-ligi ghall-fatti tal-kaz in ezami, u dak li effettivament ir-ritrattand qed jilmenta minnu huwa li l-interpretazzjoni tal-ligi kif moghtija hija skoretta, izda certament dan ma jammontax ghall-bazi ta’ ritrattazzjoni taht dan l-artikolu ara d-decizjoni fl-ismijiet (**“Gloria Pont et v. J.L.J. Construction Company Limited”** – 6 ta’ Ottubru 2009). Fil-fatt inghad li *“biex ikun hemm lok ta’ ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat t-tajba b’mod hazin”* (**“Reginald Micallef et noe. v. Godwin Abela et noe”** A.C. – 3 ta’ Gunju 1994); **“A.I.C. Joseph Barbara v. Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici”** – A.C. – 17 ta’ Frar 2003; **Guido J. Vella A & CE v. Dr. Emanuel Cefai LL.D.** – A.C. – 5 ta’ Ottubru 2001; **“Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri”** – A.C. – 27 ta’ Marzu 2003; **“Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et”** – A.C. – 10 ta’ Ottubru 2003).

Illi huwa sinifikanti li f’dan il-kaz jidher car li dan huwa kaz li ma jaqax taht il-parametri tal-**Artikolu 811 (e)** ghaliex il-Ligi stess tghid li ma jkunx hemm applikazzjoni hazina tal-

ligi meta tkun qamet kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-ligi li trid tigi applikata u l-Qorti tkun espressament tat decizjoni fuq l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni. Kif jghid espressament il-proviso tal-**Artikolu 811 (e)** *"ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi,* ***basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni".*** Fil-kaz in ezami dan huwa li effettivament ghamlet il-Qorti tal-Appell li, konxja tal-artikolu u ligi applikabbli tat l-interpretazzjoni taghha dwar l-istess.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Zball – 811(l)**

Illi t-tieni bazi ta' ritrattazzjoni hija dik ibbazata fuq l-**Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** cioe` li s-sentenza *"kienet ukoll l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza stante li d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu bla ebda dubju eskluza jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu kien stabbilit pozittivament".*

Illi bhala elementi li jikkostitwixxu din il-bazi ghar-revoka u kif osservat fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **"John Sammut v. Michael Zammit Tabone et"** deciza 22 ta' Jannar 2001 (Nru 527/81) u **"Gourmet Co Limited v. Mariano Vella"** tat-28 ta' Jannar 2005 (127/97), sabiex revoka ta' sentenza a bazi tal-**Artikolu 811 (l)** tkun gustifikata jehtieg li l-izball ikun:-

- *zball materjali ta' fatt, b'rizultat ta' inavvertenza tal-gudikant u mhux zball ta' kriterji jew interpretazzjoni.*

Cioe` meta certu fatt, minhabba li l-gudikant bi zball ma jkunx ra sew l-atti u dokumenti, gie prezunt mill-gudikant, bhala ezistenti jew inezistenti. U mhux meta l-gudikant deliberatament u b'mod razzjonali wara li analizza l-atti u

d-dokumenti kien sodisfatt bl-esiztenza *o meno* ta' certu fatt jew ta' interpretazzjoni tieghu;

- *zball car u manifest u cioe` li johrog mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti jew dokumenti tal-process, b'mod li l-inavvertenza konsegwentement inducietu;*

Illi dan jissoponi l-ezistenza ta' fatt inkontrastabilment eskluz jew jissoponi l-inezistenza ta' fatt pozittivament stabbilit; dan ifisser li jkun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li ghandha biss tifsira wahda u unika cioe` li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tieghu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost zbaljat.

- *zball determinat ghas-sentenza, cioe` meta l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt erronjement prezunta mill-Qorti, kienet "il-fundament ewlieni" tas-sentenza cioe` dak li iddetermina l-mod kif inghatat is-sentenza.*

Illi ghalhekk ma jkunx hemm bazi ghal revoka, jekk *nonostante* zball manifest, is-sentenza tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata.

- *il-fatt jehtieg li ma jkunx gie kontestat u deciz, jekk l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt in kwistjoni tkun giet dibattuta mill-partijiet u stabbilita anke fis-sentenza, ma hemmx bazi ghar-ritrattazzjoni.*

Illi fil-kuntest ta' pretiza ta' revoka tas-sentenza appellata a bazi tal-**Artikolu 811 (l)** ir-ritrattatandi tilmenta li l-Qorti tal-Appell sostniet li permezz tal-Letter of Undertaking tas-6 ta' Ottubru 2006 l-assigurazzjoni f'isem il-bastiment MV Ray G kienet *inter alia* "....qed taqbel li l-kaz jigi deciz finalment minn Qorti Maltija" meta qed jinghad li ma kien hemm ebda sottomissjoni ghall-Qrati Maltin ghaliex l-istess garanzija kienet moghtija taht diversi xenarji differenti u cioe` fil-kaz ta' *"(i) agreement between the parties or by (ii) Final and unappealable judgment of the*

*Maltese Courts or any other competent court or (iii) Arbitration Tribunal”.* Mela allura skont ir-rittratand mill-istess dokument johrog car li ma kien hemm ebda sottomissjoni ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti Maltija.

Illi minn ezami tal-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell jirrizulta li kull ma ghamlet l-istess Qorti huwa li interpretat l-istess dokument li ghalih saret riferenza ghalih mir-ritrattand u certament li dan fih innifsu jeskludi l-applikazzjoni ta’ din il-bazi ta’ ritrattazzjoni. Fil-fatt dan l-artikolu japplika biss fil-kaz li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta’ xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew li s-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza (**“Herbert Baldacchino nomine v. Cecil Pace et noe”** – A. C. – 22 ta’ April 2004).

Illi f’dan il-kaz jidher car mill-istess sentenza li hija ccitat *verbatim* il-bran imsemmi fir-rikors tar-ritrattand u tal-istess *Letter of Undertaking* tas-6 ta’ Ottubru 2006 in kwistjoni u dan iktar minn darba u mbaghad jirrizulta li interpretat is-sinifikat tal-istess klawsola li waslet ghall-konkluzjoni li b’hekk kien hemm sottomissjoni ghall-gurisdizzjoni ta’ dawn il-Qrati, u ghalhekk jidher car li dan kien punt li gie attivament konsidrat mill-istess Qorti fil-konsiderazzjonijiet u motivazzjoni taghha tas-sentenza u allura taht dan l-aspett ma jistax jinghad li l-allegazzjoni tar-ritrattand hawn vantata hija b’xi mod fondata, anzi jirrizulta li tali bazi hija inapplikabbli ghall-kaz odjern u ghalhekk anke din il-pretensjoni ta’ ritrattazzjoni qed tigi michuda.

## III. <u>Konkluzjoni</u>

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tichad it-talba tar-ritrattand l-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino fil-kwalita` tieghu premessa fir-rikors tar-ritrattazzjoni tieghu datat 15 ta’ Marzu 2010** peress li l-aggravji fih kontenuti ghal fini ta’ ritrattazzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattand l-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino fil-kwalita` tieghu premessa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------